**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 19 ta` Settembru 2018.**

**Talba Nru: 92/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Gianfranco Cristaldi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-8 ta` Marżu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, tlett mija u disgħin Ewro, disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,390.89ċ) dovuta in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kontijiet numri 40532618 u 40545034, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 463/2017 u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Doki. A1 u A2, fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta` attriċi (Doki. B1 u B2, fol. 4-5); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. Ċ, fol. 6); (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 463/2012 (Dok. D, fol. 7).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa’ ma ppreżentax Risposta u lanqas deħer biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenża tal-10 ta` Lulju 2018, Maryanne Camilleri għas-soċjeta` attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f’din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa’ t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf tlett mija u disgħin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,390.89ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**